# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 78

IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 78

L-Erbgħa 4 ta' Jannar 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Andre Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema
Is-Sur Conrad Borg Manche – Sindku Gżira
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'

ASSENTI
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

Is-Sur Michael Fenech Adami ssospenda l-laqgħa sabiex is-Sur Nik Kozlov jgħati spjegazzjoni dwar *software* ġdid bl-isem ‘Ir-Raħal tagħna’.

Wara diskussjoni qasira, il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lis-Sur Kozlov u ħeġġu sabiex javviċina l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex dan is-*software* ikun utilżżat mill-Kunsilli Lokali ta’ Malta u Għawdex.

## 78.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

78.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta’ apoloġija tas-Sur Conrad Borg Manche; tas-Sur Keith Tanti, u tas-Sur Paul Radmilli u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

78.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 77 li saret nhar it-Tlieta 6 ta’ Diċembru 2016 kienu meħuda bħala moqrija.

78.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku ta’ Ħ’Attard is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mil-Viċi Sindku ta’ Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech.

## 78.3 Komunikazzjoni mill-President

78.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li f’Diċembru 2016 is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sinjura Galea, għamlet kuntatt mas-Sinjura Rachel Bailey (mill-Loqus) sabiex tistaqsi jekk dan ir-Reġjun jistax jibda jiġġenera l-*invoice* ta’ l-10% kummisjoni fl-aħħar ta’ kull xhar lill-LESA skond id-Direttiva numru 3/2016.

78.3.2 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li s-Sinjura Bailey ikkonfermat li kif hemm miktub fid-Direttiva, r-Reġjun huwa ntitolatat għal dan il-ħlas u għalhekk fi ftit jiem oħra s-*software* ħa jkun irranġat sabiex ir-Reġjun ikollu dan l-aċċess. Is-Segeretarju Eżekuttiv ikkonfermat ukoll li dan ir-Reġjun ser jiġġenera *invoice* lill-LESA mill-1 t’Ottubru 2015 sa’ Diċembru 2016 bl-ammont ta’ €1698.68.

78.3.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar l-attendenza tal-kors tal-First Aid li ser isir nhar il-ħamis 5 ta’ Jannar u l-Ġimgħa 6 ta’ Jannar 2017 ġewwa l-uffiċċini ta’ l-A.M.E Health & Safety Services fis-Swatar.

78.3.4 Dan ir-Reġjun ġie infurma li l-Kunsill Lokali ta’ Santa Venera fil-peżent mhux f’pożizzjoni li jibgħat persuna minħabba nuqqas ta’ impjegati. Filwaqt li l-Kunsill Lokali tal-Pieta’ ma tana l-ebda isem għalkemm ċeempilnilhom diversi drabi u bagħtnilu diversi e-mails.

78.3.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega lill-membri kif fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun kien hemm qbil li dan ir-Reġjun għandu jiffinanzja s-sistema provudata mill-kumpanija Lornit. Sabiex inkunu ċerti li qed inkunu konformi mal-liġi dan ir-Reġjun talab għal parir mid-Dipartiment fejn dan igwidana li dan ir-Reġjun għandu joħroġ sejħa ta’ offerti peress li l-ammont jaqbeż it-*threshold* ta’ Direct Order kif ukoll jista’ jkun hemm kumpanija oħra li tkun tista’ toffri t-tali servizz.

78.3.6 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti.

78.3.7 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar it-talba mressqa mis-Segretarju Eżekkuttiv, is-Sinjura Galea, fejn kienet qed titlob l-approvazzjoni ta' dan ir-Reġjun sabiex il-kuntratt tat-*Teleworking* li jiskadi fit-28 ta' Frar 2017, jiġi mġedded b'sena.

78.3.8 Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti.

78.3.9 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif kien għadu Ftit tal-ħin ilu dan ir-Reġjun ġie infurmat mis-Segretarjat Parlamentari tal-Gvern Lokali li ser issir laqgħa mill-On. Stefan Buontempo mal-Kumitat Reġjonali u l-Kunsilli rispettivi tagħhom kif ukoll mal-Kumitati Amministrattivi. L-għanijiet priċipali ta' dawn il-laqgħat ser ikunu sabiex is-Segretarju Parlamentari jisma' lil dawn l-awtoritajiet kif ukoll jisma b'xi proposti tal-istess awtoritaiet lokali. Nhar is-Sibt, 28 ta' Jannar 2017 bejn l-9.30am u 12.00 ser issir it-tieni minn dawn il-laqgħat, u din se ssir mal-kunsilli tar-Reġjun Ċentru u l-Kumitati Amministrattivi fl-istess reġjun, dawk ta' Fleur-De-Lys, Kappara, Swatar, Gwardamangia u Paceville. Għal dan il-għan nistiednek għal dan is-seminar li ser isir Is-Sala tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

## 78.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

78.4.1 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, xtaqet tkun taf il-pożżizjoni ta' dan ir-Reġjun dwar Ċirkulari Numru 50/2016 dwar sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-dawl fit-toroq.

78.4.2 Wara li saret diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex is-Segretarju Eżekuttiv titlob il-pozzizzjoni ta' kull Kunsill Lokali li jaqa' taħt dan ir-Reġjun u dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

78.4.3 Is-Sinjura Magaret Baldacchino Cefai xtaqet tressaq il-problema tal-Kunsill Lokali ta' l-Imsida fuq il-bżonn kbir ta' ECO Wardens.

78.4.4 Wara diskussjoni kien hemm qbil bejn il-membri sabiex is-Sur Raymond Zammit u s-Sinjura Elizabeth Vassallo jiġu mistiedna għall-laqgħa tar-Reġjun li jmiss sabiex dan is-suġġett flimkien ma punti oħra jiġu ndirizzati f'din il-laqgħa.

## 78.5 Rapporti

78.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li l-Budget għas-sena 2017 flimkien mar-rapporr finanzjarju tas-sena 2016 ser jiġu ppreżentati mill-Accountant, is-Sur Daniel Galea, fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

78.5.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda l-Performance Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, għas-sena 2016, għall-approvazzjoni. Huwa kkonferma li s-Sinjura Galea għandha tingħata l-full bonus ta' 10%.

78.5.3 Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti dwar dan.

78.5.4 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda l-perforance appraisal reports ta' l-impjegati ppreparati mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Is-Sinjorina Lydia Zammit – 6%
- Is-Sinjorina Roberta Carabott – 6%
- Is-Sinjura Isabel Cini – 6%
- Is-Sinjura Marthese Bonavia – 6%
- Is-Sur Danilo Bezzina – 6%
- Is-Sinjorina Antonella Baldacchino – 6%
- Is-Sur Ian Magro – 6%

78.5.5 Dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament mill-membri preżenti.

## 78.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun Ċentru li jkunu meħtieġa

78.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li l-kompjuter qadim mhux jaħdem u għal din ir-raġuni għandu jinxtara kompjuter ieħor.

78.6.2 Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex dan il-kompjuter jiġi mħallas mill-LESA.

## 78.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

78.7.1 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 77A u 77B.

78.7.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 78.7 Mozzjonijiet

78.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 78.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

78.8.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:45pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 8 ta' Frar, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |